# Fil-Qorti Tal-Magistrati (Malta)
# bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' nhar l-Erbgha (13) ta' Jannar 2016

Libell Nru 3/08

**Dr Marc Bonello**

vs

**Dr Jose' Herrera**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-akkuzat **Dr Jose' Herrera**, karta ta' l-identita' numru 723561(M) fejn gie akkuzat minn Dr Marc Bonello talli, b'diskors tieghu li deher u gie mxandar fuq l-istazjon televiziv One TV nhar il-Hamis, 21 ta' Frar 2008 waqt il-programm politiku 'Taht it-Tinda' fejn allega b'mod inekwivoku lic-Chairman tal-Awtorita' Marittima ta' Malta kellu konflitt ta' interess skajccanti peress li d-ditta tal-Periti tieghu, riferibbilment ghac-Chairman tal-Awtorita Marittima ta' Malta, inghatat zewgt tenders mill-Awtorita' Marittima ta' Malta fuq il-progett tal-mollijiet tac-Cirkewwa u ta' l-Mgarr, Ghawdex, liema tenders kienu jiswew il-miljuni tal-Liri Maltin, liema allegazzjonijiet kienu inveritjeri, bla bazi u foloz, u kienu intizi biex jtellfu u jnaqqsu r-reputazzjoni ta' Dr Marc Bonello, u dana bi ksur ta' l-Artikolu 11 tal-Kap 248.

Rat il-kwerela datata 26 ta' Frar 2008.

Rat illi fil 15 ta' Ottubru 2018 l-akkuzat iddikara ruhu mhux hati.

Rat ix-xhieda ta' **Dr Marc Bonello** moghtija fil-15 ta' Ottubru 2008.

Rat ir-rapport tal-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni ippubblikat fis 7 ta' Frar 2008 li kien jirrigwarda '*Allegazzjoni li c-Chairman ta' l-Awtorita' MArittima Maltija kellu interess privat fl-ghoti ta' kuntratt*'.

Rat ix-xhieda ta' **Dr Simon Manicolo**, rappresentant ta' l-Awtorita tax-Xandir, moghtija fl 15 ta' Ottubru 2008 kif ukoll rat id-DVD minnu esebit a fol 14 tal-process.

Rat illi fil-15 ta' Jannar 2009 il-kwerelant iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Rat illi fil 11 ta' Mejju 2009 l-akkuzat qajjem eccezzjoni ta' nullita' tal-proceduri kif istitwiti abbazi tal-fatt illi l-proceduri odjerni kellhom jitmexxem b' '*Tahrika ta' Kawza Privata*' u mhux b' '*Tahrika ta' Kawza tal-Pulizija*'.

Rat illi permezz ta' decizjoni in parte moghtija fis 7 ta' Ottubru 2010, l-eccezzjoni imqajjma giet michuda stante illi l-kwerelat kien attwalment ippresenta kwerela fis 26 ta' Frar 2008, illi tifforma parti mill-atti tal-kawza odjerna,

Rat illi fit 12 ta' Novembru 2010 xehdu Dr Marc Bonello in kontro ezami, xehed l-akkuzat Dr Jose Herrera, u xehed Dr Carmel Chricop, wara liema xhieda id-difiza ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippresenta.

Rat illi fid 9 ta' Marzu 2011 xehed **Dr Marc Bonello**.

Rat illi fit 12 ta' Marzu 2012, dina l-Qorti, kif ippresjeduta, wara illi hadet konjizzjoni tal-kaz kif assenjat lilha, irrilevat illi x-xhieda kollha moghtija fit-12 ta' Novembru 2010 ma kienetx fl-atti stante illi ma gietx traskritta.

Rat illi fid 19 ta' Novembru 2014, wara erbghatax-il seduta fejn ma gara xejn, xehed l-akkuzat **Dr Jose Herrera**.

Rat illi fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2014 il-Qorti ordnat it-traskrizzjoni tad-DVD esebit mill-Awtorita' tax-Xandir, fuq rikjesta tal-kwerelant, liema DVD kienet giet ippresentata bhala prova tal-kliem u diskors malafamanti illi l-kwerelat Dr Jose Herrera allegatament ghamel fil-konfront tal-kwerelat Dr Marc Bonello, liema traskrizzjoni giet inserita fil-process a fol 91 sa 103 tal-process.

Semghet ix-xhieda ta' **Dr Carmel Chircop** moghtija fit 22 ta' April 2015.

Rat illi fil 15 ta' Lulju 2015 il-kawza thalliet ghall-finali trattazzjoni.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli avukat ta' l-akkuzat, wara liema data il-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum.

## Ikkunsidrat

Il-kawza tirrigwarda allegazzjonijiet illi allegatament kien ghamel l-akkuzat fil-konfront tal-kwerelant, Dr Marc Bonello, dak iz-zmien Chairman tal-Malta Maritime Authority, fejn gie allegat illi, fil-kwalita tieghu ta' Vici Chairman ta' l-Awtorita' Marittima, huwa ta' lid-ditta ta' periti tieghu jew lilu nniffsu tender ghal kostruzzjoni tat-Terminal ta' l-Mgarr, Ghawdex u dak tat-Terminal tac-Cirkewwa.

Tul il-proceduri odjerni il-kwerelant ressaq rapport tal-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni Nru 368/5/07 kif ukoll ressaq DVD illi fih allegatament kien hemm id-diskors illi sar fil-21 ta' Frar 2008 li bih hassu malafamat il-kwerelant.

Sussegwentement, il-kwerelant fil 15 ta' Jannar 2009 iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Il-kwerelat, Dr Jose Herrera, da parte tieghu, ressaq bhala provi lill Dr Carmel Chircop, li fiz-zmien meta l-kwerelant kien Vici Chairman u wara Chairman tal-Malta Maritime Authority, huwa kien il-konsulent legali ta' l-istess Awtorita', kif ukoll xehed l-istess akkuzat.

Wara illi ngabret dina x-xhieda kollha, il-Qorti intalbet sabiex tghaddi biex tippronunzja ruha dwar jekk kienx hemm malafama fil-konfront taL-kwerelant Dr Marc Bonello abbazi tal-provi prodotti.

**Ikkunsidrat**

Huwa fatt ben maghruf illi l-prosekuzzjoni u, f'dan il-kaz, il-kwerelant Dr Marc Bonello, kellhom jressqu l-provi kollha taghhom sabiex jippruvaw il-kaz taghhom 'l hinn minn kull dubju, stante illi fil-kaz odjern ninsabu fil-kamp kriminali u ghalhekk il-prova trid tkun wahda 'l hinn minn kull dubju.

Madanakollu, il-kwerelant ma ressaq ebda prova in konnessjoni mal-malafama illi huwa qieghed jallega illi Dr Herrera ghamel fil-konfront tieghu, u precizament, talli inghataw zewgt tenders ghall-mollijiet ta' l-Imgarr Ghawdex u c-Cirkewwa lilu nniffsu jew lid-ditta tieghu.

Dana qieghed jinghad ghax, l-ewwel u qabel kollox, ir-rapport tal-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni ippresentata mill-istess kwerelant a fol 7 tal-process ma ghandu x'jaqsam assolutament xejn mat-tenders fuq imsemmija, peress illi tali rapport jirrigwarda allegazzjoni illi kienet saret fil-konfront ta' l-istess Dr Bonello "*ghat-tiswija tad-Deep Water Quay fil-Port il-Kbir*" (ara fol 8).

Apparti minn hekk, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-prova kardinali, ossija il-prova tad-diskors, lanqas biss ma gie prodott mill-kwerelant, peress illi d-DVD esebit mill-Awtorita tax-Xandir fuq talba tal-kwerelant fil-15 ta' Ottubtu 2008 (fol 14) ma jirrappurtax id-diskors illi sar fil 21 ta' Frar 2008, izda jirrapporta diskors illi sar fit 30 ta' Settembru 2008 minn Dr Alfred Sant, dak iz-zmien mexxej tal-Partit Laburista.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi hija stess ordnat it-traskrizzjoni ta' l-istess DVD fid-19 ta' Novembru 2014, liema traskrizzjoni dahhlet fil-process fil 25 ta' Frar 2015, u dina kienet accessibbli ghall-partijiet fil-kawza ghal aktar minn hames seduti izda ma gara assolutament xejn.

Illi huwa car illi l-kwerelant Dr Marc Bonello ma ressaq ebda provi in sostenn tal-kwerela tieghu, kif esposti kemm fil-kwerela stesskif ukoll fl-akkuza, illi l-kwerelat Dr Jose Herrera immalafamah meta allega illi "*d-ditta ta' periti tieghu (riferibbilment*

*ghac-Chairman ta' l-Awtorita'Marittima ta' Malta) stess nghataw zewgt tenders mill-Awtorita' Marittima ta' Malta fuq il-progett tal-mollijiet tac-Cirkewwa u l-Mgarr*"

**Konkluzjoni**

Il-Qorti ghalhekk

Wara illi fliet il-process u semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-kwerelat,

Tillibera lill-kwerelat Dr Jose Herrera mill kull akkuza kif fuq indikat fuq nuqqas ta' provi kontra tieghu.

**Magistrat Francesco Depasquale**